TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 484/10

**Jennifer Schembri**

**vs**

**Antoinette Ellul eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem Moda Giovani**

Illum 18 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet l-ammont ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti prezz ta' libsa li xtrat mingħand id-ditta intimata li kellha t-tbajja.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat libsa mingħand id-ditta intimata u meta marret biex tilbisha indunat li kellha tebgħa. Ingħatat lil Laundry u meta ġiet lura mid-dry cleaning, din kien għad baqalha xi marki ta' l-ilma. Pero' din il-libsa ntlibset għall-okkażjoni.

L-intimat issottomettiet illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u l-libsa ttebbgħat waqt it-tieġ.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi meta r-rikorrenti xtrat il-libsa, hija kienet aċċettatha kif kienet u aktar tard indunat li saritilha xi ħsara jew kien hemm xi ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**